MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru. 346/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Clayton Azzopardi**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Clayton Azzopardi ta' 23 sena mwieled il-Pieta' fis-27 ta' Frar 1983 iben Joseph u Mary nee Spiteri residenti 103 Triq Neolithic Temples Tarxien detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 161983 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-21 ta' Diċembru 2004 u fix-xahar ta' qabel din id-data

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi Kapa 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/I mingħajr ma kellu liċenzja mil-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll interan tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni dd-roga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli 1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma keinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamentimsemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Periolużi (GN 292/1939) kif sussegwenetement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Periolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-10 t'Awwissu 2006, iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 1619 tal-1983, il-fedina penali nadifa tiegħu, l-istqarrija tal-imputat, il-ħatra tal-analista Godwin Sammut, u r-relazzjoni tal-analista.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

6. Skond il-Prosekuzzjoni, fil-21 ta' Diċembru 2004, il-Pulizija kienu sabu lill-imputat ħdejn Joanne Gardens fejn waqqfuh waqt li kien qed isuq Lada Samara FAE 469, F'ħalqu sabulu borża tal-plastik bi trab kannella suspettat eroina. Fir-residenza tal-imputat instabet biċċa borża tgl-plastik vojta bi traċċi suspettati tal-eroina. Ġewwa l-garaxx instabet borża oħra bi trab kannella suspettata eroina. Instab ukoll miżien elettroniku ġewwa l-karozza taħt is-seat. Fil-kalzetti tal-imputat instabet borża oħra bi trab kannella suspettata eroina.

7. Ma' PC 10 l-imputat ammetta li ġieli biegħ droga. Minn fuq il-persuna tal-imputat instabet is-somma ta' Lm78.

8.Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ammetta li dak li kienu sabu f'ħalqu, fil-kalzetta u fil-garaxx kienu tiegħu. Huwa ammetta li kien juża l-eroina.

9. PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed kif l-imputat kien ipprova jsuq meta l-Pulizija marru fuqu. Huwa tefa' borża bi trab kannella ġo ħalqu u ħarġulu borża mill-kalzetta. Kien dan l-uffiċjal li eleva l-miżien minn ġol-karozza. Saret ukoll tfittxija fil-garaxx fi Triq is-Sorjiet Ħal-Tarxien u minn fejn kienet elevata borża oħra. **Waqt li dan ix-xhud kien qed ikellem lill-imputat, l-imputat qallu li ġieli biegħ xi pakkett. (fol 13 u 14).**

10. **PS 1086** Johann Micallef ikkonferma dak li qal Trevor Cassar Mallia u li l-imputat kien qalilhom li kien ittraffika xi pakkett eroina. (Fol 15).

11. PS 114 Massima Persiano ukoll ikkonferma dak li qalu x-xhieda preċedenti dwar it-tfittxija u kif kien elevat miżien elettroniku mill-karozza .

12. L-analista Godwin Sammut ikkonferma li s-sustanza misjuba kienet eroina u li kellha piż ta' 0.55 grammi

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

13. L-ewwel imputazzjoni hija dwar it-traffikar tad-droga. L-imputat ma weġibx għal mistoqsija dwar traffikar meta kien qed jagħmel l-istqarrija tiegħu. Min-naħa l-oħra żewġ xhieda kkonfermaw bil-ġurament li l-imputat kien qalilhom li **'ġieli'** ttraffika d-droga. Minn din ix-xhieda l-Qorti għandha l-prova li l-imputat ittraffika d-droga iżda m'għandhiex indikazzjoni tad-data jew jekk tali traffikar sarx fid-data indikata fl-ewwel imputazzjoni. Minħabba n-nuqqas ta' dan element, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

14. It-tieni imputazzjoni hija dwar il-pussess aggravat. Il-Qorti tqis sinifikanti ħafna kif il-Pulizija elevat miżien elettroniku **mill-karozza tal-imputat meta dan kien barra** t-triq. Skond l-espert analista, dan il-miżien kien fi stat tajjeb u jaħdem. Fuqu kien hemm traċċi ta' kokaina u ta' eroina

15. Barra dan instabet l-eroina kemm f'ħalq l-imputat li jidher li belagħha malajr meta nduna li kien hemm il-Pulizija fil-qrib waqt li kien hemm pakkett ieħor f'kalzetta tal-imputat.

16. Il-Qorti qieset dawn iċ-ċirkostanzi **flimkien u mhux 'ut singuli'**

(i) is-sejbien tal-miżien fil-karozza li kellu fuqu t-traċċi tal-eroina (u tal-kokaina) meta l-vettura kienet barra fit-triq;
(ii) is-sejbien tal-eroina f'ħalq l-imputat; (li mill-fatti jidher li ma kienx biex jeħodha hu iżda biex jaħbiha mill-Pulizija)
(iii) is-sejbien tal-eroina fil-kalzetta tal-imputat;

17. Ma' dawn fl-aħħarnett il-Qorti qieset l-ammissjoni tal-imputat li 'ġieli' kien ibiegħ xi pakkett kollha jindikaw li l-imputat kellha pussess ta' eroina b'intenzjoni li jispaċċjaha. L-ammissjoni tal-imputat ma kentix biżżejejd biex twassal għall-prova tal-ewwel imputazzjoni minħabba li l-element taż-żmien ma kienx indikat. Iżda din l-istess ammissjoni verbali hija validissima biex turi l-intenzjoni tal-ispaċċjar fiċ-ċirkostanzi li nstabet fihom id-droga. Mhux bilfors li l-ammont ta' droga jrid ikun wieħed konsiderevoli għall-prova tal-pussess aggravat. F'dan il-każ il-Qorti qed tikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha **f'daqqa li jikkonvinċuha morlament li l-imputat kellu l-pussessa ggravat tal-eroina.**

**Konklużjoni**

**18. Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(1B) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni waqt li qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.**

**19. Dwar il-piena, l-Qorti qed tqis li l-imputat għandu fedina penali nadifa. Il-Qorti tinnota wkoll xi ftit tat-trapass taż-żmien waqt li l-imputat kien dejjem preżenti għall-udjenzi. Għalhekk, wara li qieset il-każi ta' Beck versus Norway u Jensen versus Denmark qed tikkundannah għall-piena ta' erba' xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €467. Din il-multa tista' titħallas b'rati ta' 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien ta' mhux aktar minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti minn din il-multa ma**

**titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros mhux imħallsin.**

**20. Peress li ma jirriżultax ippruvat li l-flus li nstabu fuq l-imputat kienu ġejjin mill-ispaċċ tad-droga, dawn għandhom jingħġataw lura lill-imputat jew issir tpaċċija parzjali bejn il-ħlas tal-multa u / jew tal-espert u dawn il-flus.**

**21. Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas is-somma ta' €221.78, bħala ħlas li sar lill-espert.**

**22. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------